MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 982/2005

John u Annie konjuġi **CASHA** u b'Degriet tat-3 ta' Jannar, 2008, l-ġudizzju għadda mill-persuna tal-attur John Casha, li miet fil-mori tal-kawża, għal bintu Rita Casha

vs

Teresa **CARUANA** armla minn John Caruana bħala użufruttwarja, Josephine *sive* Joyce mart Kevin Camilleri u Salvatore *sive* Saviour Camilleri

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Ottubru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi miżżewġin

Casha talbu lil din il-Qorti (a) tiddikjara li l-kawża fl-ismijiet "*John Caruana et vs John Casha et*" (Ċitazz. Nru. 427/98DS) maqtugħa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-27 ta' Mejju, 2005, ittieħdet b'qerq magħmul mill-imħarrkin f'din il-kawża (l-atturi ritrattati) għall-finijiet tal-artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) tiddikjara wkoll li, wara l-għoti ta' dik is-sentenza, nstab dokument deċiżiv li l-atturi ritrattandi ma kinux jafu bih qabel u li ma setgħux isibu bil-mezzi li tagħtihom il-liġi qabel ma ngħatat l-imsemmija sentenza, u dan għall-finijiet tal-artikolu 811(k) tal-istess Kapitolu 12; (ċ) tħassar is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Mejju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija; u (d) tordna li jsir is-smigħ mill-ġdid ta' dik il-kawża. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin ritrattati u tat direttivi lir-ritrattandi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-8 ta' Novembru, 2005, li biha u għar-raġunijiet hemm mogħtija, l-imħarrkin ritrattati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-ġudizzju ma kienx sħiħ għax mhux kull min għandu interess fil-kwestjoni qiegħed fil-kawża, li l-azzjoni hija irrita u nulla għaliex ma tfissirx b'mod ċar il-fatti li dwarhom tressqet il-kawża, u li biex il-kawża tista' titmexxa 'l quddiem, għandhom jinhemżu l-atti kollha tal-kawża li tagħha qiegħed jintalab is-smigħ mill-ġdid. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li huma qatt wettqu xi qerq bi ħsara tar-ritrattandi miżżewġin Casha jew li teżisti xi raġuni tajba fil-liġi biex is-sentenza li saret ġudikat titħassar u biex il-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2005[1], li bih ordnat li l-atti tal-kawża 427/98DS jinġiebu quddiemha u jinhemżu mal-atti ta' din il-kawża;

[1] Paġ. 29 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta’ Mejju, 2006, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista tal-kawżi qabel is-smigħ (*pretrial*) u ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tgħinha f’dak l-istadju tal-kawża;

Rat ix-xhieda u l-provi mressqin mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Marzu, 2008, li bih qiegħdet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq għas-smigħ tat-23 ta’ April, 2008[2]

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin ritrattati;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża Numru 427/98DS maqtugħa fis-27 ta’ Mejju, 2005;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta’ April, 2008, li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ ritrattazzjoni ta’ kawża taħt l-artikolu 811(a) u l-artikolu 811(k) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. L-atturi jgħidu li s-sentenza mogħtija fis-27 ta’ Mejju, 2005, f’kawża li l-imħarrkin ritrattati fetħulhom fl-1998 jmissha titħassar u dik il-kawża tinstema’ mill-ġdid għaliex dik is-sentenza ttieħdet bil-qerq tal-istess ritrattati u wkoll għaliex, wara li ngħatat dik is-sentenza, l-atturi saru jafu b’dokument deċiżiv li la kienu jafu bih qabel ma

[2] Paġ. 107 tal-proċess

kienet ingħatat dik is-sentenza u lanqas setgħu jġibuh f'dik il-kawża bil-mezzi li tagħtihom il-liġi;

Illi l-imħarrkin ritrattati jwarrbu dawn l-ilmenti u jiċħdu li huma qatt qarrqu bihom jew bil-Qorti bl-ebda mod, minbarra li jgħidu li l-allegat dokument misjub ma kien deċiżiv xejn għaliex l-atturi ritrattandi ħolquh huma stess wara li kienet ingħatat is-sentenza;

Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ juru li għall-ħabta tal-1973, l-atturi Casha kienu ngħataw b'allokazzjoni mid-Dipartiment tad-Djar il-fond numri 3 u 4, Triq Vilhena, Ħaż-Żebbuġ. F'Novembru tal-1996, saret kitba ta' kirja bejn Casha u s-sidien Caruana[3]. F'Marzu tal-1998[4], l-imħarrkin ritrattati Caruana fetħu kawża kontra Casha biex ineħħuhom mill-post wara li ssir dikjarazzjoni li l-ftehim tal-kera li kien sar bejniethom intemm. Għal dik l-azzjoni, Casha laqgħu billi qalu li t-talbiet ma kellhomx jintlaqgħu għaliex il-kunsens tagħhom biex jersqu għall-ftehim ta' kera ttieħed bil-qerq imwettaq minn Caruana. F'dik il-kawża, Casha ressqu kontro-talba biex il-Qorti ssib li tassew li l-kunsens tagħhom ittieħed b'qerq, u għalhekk tħassar dak il-ftehim. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Mejju, 2005, dik il-Qorti qatgħet il-kawża billi ċaħdet il-kontro-talba tal-imħarrkin Casha u laqgħet it-talba tas-sidien Caruana billi iddikjarat mitmuma l-kirja tal-post u ordnat lil Casha joħorġu mill-post fi żmien tlitt xhur. Casha ma appellawx minn dik is-sentenza, iżda f'Ottubru tal-istess sena fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jirrigwardaw il-każ jibda biex jingħad li huwa magħruf u aċċettat li l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment[5] sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi[6]; u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid. Qabel ma l-Qorti tkun

[3] Dok "A", f'paġ. 5 tal-atti tal-Kawża Ċitazz. Nru. 427/98DS
[4] Ċitazz. Nru. 427/98DS
[5] App. Ċiv. **5.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Żammit et***
[6] App. Ċiv. **7.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)

soddisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola, tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir[7];

Illi ingħad għadd ta' drabi li l-ħtiġijiet proċedurali f'każijiet ta' smigħ mill-ġdid għandhom jiġu mfissra b'mod dejjaq u litterali[8], sewwasew minħabba n-natura eċċezzjonali ta' dan l-istitut. Il-prinċipju ewlieni li jmexxi l-istitut tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża huwa dak li, kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u għaddiet in ġudikat m'għandhiex titwaqqa' b'ħeffa, imma biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku. Bħalma l-ordni pubbliku jippretendi ċ-ċertezza tad-determinazzjoni tad-drittijiet kontestati fis-sura ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, daqstant ieħor l-ordni pubbliku jrid li l-ebda sentenza li tkun milquta minn xi wieħed mid-difetti msemmija mil-liġi m'għandha titħalla sservi ta' paraventu għall-ħaqq;

Illi, b'żieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa[9]. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, sakemm ir-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil innifsu tal-parti ritrattata;

Illi billi s-sentenza li dwarha infetħet din il-proċedura kienet mogħtija minn din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-atturi tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika miegħu l-artikolu 811(a) u (k). Skond il-liġi, din l-azzjoni trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn dak inhar li l-attur isir jaf bis-sentenza li tkun ingħatat kontrih fil-proċeduri l-oħrajn fejn kien imħarrek[10]. Fil-każ li l-Qorti

---

[7] Kumm. **16.12.1915** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)
[8] Ara, per eżempju, Kumm. **11.10.1955** fil-kawża fl-ismijiet *Ċiappara vs Żammit* (Kollez. Vol: **XXXIX.iii.894**)
[9] Ara, per eżempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Ċiantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)
[10] Art 818(1)(b) tal-kap 12

għandha quddiemha, m'hemm l-ebda dubju li dan ir-rekwiżit ġie mħares għaliex il-kawża nbdiet anqas minn xahrejn wara li ngħatat is-sentenza impunjata;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dan li ngħad aktar qabel, il-Qorti sejra tqis iż-żewġ kawżali mressqa 'l quddiem mill-atturi biex tara jekk hemmx raġuni tajba biex tħassar is-sentenza li minnha jilmentaw, u li minnha huma ma kienu ressqu l-ebda appell;

Illi, **għal dak li jirrigwarda l-ilment li s-sentenza attakkata ttieħdet bil-qerq imwettaq mill-imħarrkin ritrattati** [art. 811(a)], jixraq jingħad li biex tirnexxi din il-kawżali, l-qerq li jrid jintwera ma jridx ikun jirriżulta minn jew marbut mal-mertu li jkun ġa ġie mistħarreġ fil-kawża li s-sentenza tagħha jintalab li titħassar[11]. Il-qerq li għalih jirreferi dan l-artikolu huwa qerq proċedurali li l-parti ritrattata jintwera li wettqet bi ħsara tal-parti ritrattanda li, minħabba fih, tkun tilfet il-kawża oriġinali[12]. Tali qerq irid jippruvah min jallegah;

Illi, minbarra dan, biex il-qerq proċedurali jsejjes talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża, jeħtieġ li tali qerq ikun twettaq mill-parti rebbieħa bi ħsara tal-parti telliefa, u għalhekk m'huwiex biżżejjed li jkun jikkonsisti f'xhieda li m'hijiex minnha mogħtija minn persuna msejħa fil-kawża biex tixhed. Fuq kollox, mhux kull qerq jew ingann ta' parti f'kawża kontra l-parti l-oħra jagħti lok għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża: dak il-qerq irid ikun jikkonsisti f'raġġiri jew atti frawdolenti li, minħabba fihom, il-parti l-oħra titqiegħed fl-impossibilita' li tiddefendu ruħha fil-kawża kif imiss u mingħajrhom il-kawża ma kinitx tinqata' kontra l-parti mġarrba[13]. Għalhekk, fejn in-nuqqas ta' difiża jew tressiq xieraq tal-każ tal-parti jkun ġej mit-traskuraġni ta' dik l-istess parti, ma jingħatax li l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid[14]. Dan għaliex "*cio` che da` luogo alla ritrattazione e`, senza distinzione di persone, la difesa*

[11] App. Ċiv. **16.5.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Morana vs Spiteri noe et*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.133**)
[12] App Ċiv. **22.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Herbert Baldacchino noe vs Cecil Paċe et noe et***
[13] App. Ċiv. **13.7.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Pisani*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.231**)
[14] App. Ċiv. **16.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Robert Yates noe vs Anthony Aquilina et***

*resa impossibile, ma non la omissione o l'insufficienza della difesa*"[15];

Illi, fuq kollox, biex tgħodd id-dispożizzjoni tal-artikolu 811(a) tal-Kodiċi, jeħtieġ li l-qerq proċedurali mwettaq ikun determinanti biex il-parti l-oħra tkun tilfet il-kawża. Għalhekk, fejn il-parti li bi ħsara tagħha jkun sar l-għamil qarrieq setgħet tintebah bih waqt il-kawża jew, minkejja li ntebhet b'dak l-għamil, ma tkunx ġibdet f'waqtha l-attenzjoni tal-Qorti, imbagħad m'huwiex mogħti lil dik il-parti r-rimedju tas-smigħ mill-ġdid tal-kawża talli naqset milli tinqeda bl-għodda proċedurali li kellha għad-dispożizzjoni tagħha[16];

Illi fil-każ tal-lum, l-atturi ritrattandi Casha jaraw il-qerq minsuġ kontrihom f'dokument li huma jgħidu li saru jafu bih wara li "saret riċerka" fid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali, u liema dokument jikxef "l-ingann li kien ġie pprattikat mill-konvenuti odjerni fuq l-atturi odjerni meta ġiet iffirmata l-iskrittura ta' Novembru 1996". L-atturi ma ċċaraw xejn iktar minn hekk tul il-kawża kollha. Issa, bi tħaddim tar-regoli u prinċipji hawn fuq imfissra, din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-atturi ritrattandi ma huwa mistħoqq xejn[17];

Illi, fl-ewwel lok, il-qerq allegat fil-konfront tal-imħarrkin ritrattati Caruana kien diġa' l-mertu tal-kontro-talba mressqa mill-atturi ritrattandi Casha fil-kawża l-oħra. Fit-tieni lok, l-ittra msemmija (li kien imiss lill-atturi Casha li jressqu kopja tagħha) bħala dak id-dokument li jixhed il-ħsieb qarrieq ta' Caruana f'din l-istorja kollha, ma tidher imkien, lanqas fl-atti tal-kawża li tagħha qiegħed jintalab is-smigħ mill-ġdid. Jekk inhu hekk, allura, ma jista' jingħad bl-ebda mod li dokument li qatt ma kien fl-atti tal-kawża seta' serva biex jitwettaq qerq proċedurali li, mingħajru, l-kawża kienet tinqata' mod ieħor;

---

[15] Kumm. **31.3.1894** fil-kawża fl-ismijiet ***Zonda vs Parthenis*** (Kollez. Vol: **XIV.i.219**)
[16] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Azzopardi vs Blye Engineering Co. Ltd.***
[17] Ara App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Thake*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.882**)

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-fehma li l-kawżali tal-qerq imressqa mill-atturi ritrattandi ma tirriżulta bl-ebda mod;

Illi, **għal dak li jirrigwarda l-kawżali tas-sejba ta' dokument deċiżiv wara l-għoti tas-sentenza attakkata** [art. 811(k)], għandu jingħad li l-liġi tqiegħed xi kundizzjonijiet qabel ma ċirkostanza bħal din tista' twassal biex isir is-smigħ mill-ġdid ta' kawża li tkun għaddiet f'ġudikat. Il-liġi titkellem dwar dokument deċiżiv. Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa biżżejjed biex iwassal għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża. Irid ikun dokument "deċiżiv", jiġifieri dokument li s-saħħa tiegħu bħala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stħarrġet. Imma mhux meħtieġ li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv għall-kwestjoni[18]. Ifisser ukoll li d-dokument irid ikun tali li jista' bil-liġi jitressaq bħala prova. Meta mbagħad id-dokument ikun jikkonsisti f'att nutarili pubbliku, it-tendenza hija li l-eżistenza tiegħu hija mistennija li tkun magħrufa minn kulħadd u għalhekk huwa diffiċli biex dokument bħal dan ikun raġuni li twassal biex sentenza titwaqqa'[19] ;

Illi minbarra dan kollu, l-liġi trid li l-parti li ssib dokument bħal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma ngħatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, għalkemm setgħet tkun taf dwaru, ma setgħetx, bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, tressqu fil-kawża qabel ma tkun laħqet ingħatat is-sentenza . F'każ bħal dan, il-liġi bħal donnha trid tagħmilha ċara li r-ritrattand ikun irid juri li għamel kulma seta' fil-ħila tiegħu u fiż-żmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Dan jimplika mill-anqas l-użu ta' għaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' ħwejġu[20]. Dan il-grad ta' għaqal meħtieġ ma jħallix lil dik il-parti li l-ewwel titgħażżen jew tixxaħħaħ milli tagħmel ħilitha biex tressaq il-provi kollha tagħha, u mbagħad, wara li l-kawża tkun inqatgħet, tibda tħabrek biex issib il-prova eluživa li kienet teħtieġ[21]. Għalhekk ukoll, iċ-ċirkostanzi tas-sejba ta' dokument li l-

[18] App. Ċiv. **5.4.1937** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1468**)
[19] App. Kumm. **24.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.188**)
[20] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo vs Chetcuti et*** (Kollez.Vol: **LXXXI.ii.417**)
[21] App. Ċiv. **11.5.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin noe et vs Cordina et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.645**)

parti ritrattanda tgħid li sabet wara l-għoti tas-sentenza għandhom ikunu mistħarrġa qabel ma titwaqqa' dik is-sentenza;

Illi lanqas jgħodd li l-parti tkun insiet l-eżistenza tal-imsemmi dokument, għaliex dan ikun ifisser li, fil-fatt, f'xi żmien qabel l-għoti tas-sentenza, kienet tkun diġa' taf bih;

Illi fil-każ li ghandna quddiemna llum, l-atturi ritrattandi jibnu s-sejħa tagħhom għar-ritrattazzjoni billi jgħidu li f'Settembru tal-2005 saret kitba bejnhom u s-sidien Caruana li biha ngħataw il-fakulta' li jibqgħu joqogħdu fil-post b'titolu prekarju;

Illi jekk wieħed kellu japplika l-kriterji li għadhom kemm issemmew, wieħed isib minnufih li r-raġuni miġjuba mir-ritrattandi mhux ta' min joqgħod fuqha. Fl-ewwel lok, l-imsemmi "dokument" mhu xejn għajr ittra mibgħuta lill-avukat tagħhom fit-3 ta' Settembru, 2005[22], li bih l-imħarrkin ritrattati Caruana taw lill-atturi Casha żmien b'bona grazzja ta' xahar u tlitt ġimgħat biex joħorġu mill-post wara li Caruana kienu ħarġu Mandat ta' Żgumbrament. L-atturi Casha jqisu li dak id-dokument bidel għal kollox il-qagħda maħluqa bis-sentenza mogħtija kontra tagħhom. Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel ħaġa li toħroġ minn dan kollu hu li l-imsemmi dokument ma kienx jeżisti qabel ma ngħatat is-sentenza. L-artikolu 811(k) jitkellem dwar dokument li jkun ġa jeżisti qabel ma tkun ingħatat is-sentenza attakkata imma li ma kienx magħruf mill-parti sokkombenti jew li ma setax jinġieb minnha qabel dik is-sentenza. Fit-tieni lok, l-imsemmi dokument bl-ebda mod ma jista' jitqies deċiżiv għall-eżitu (differenti) ta' dik is-sentenza. Għall-kuntrarju, dak id-dokument jikkonferma s-sentenza billi jtenni t-tneħħija ta' Casha mill-post u huwa mod kif Caruana kienu qegħdin jiddikjaraw kif sejrin jesegwixxu dik is-sentenza;

Illi minħabba dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

---

[22] Dok "Ċ", f'paġ. 27 tal-proċess

Illi l-imħarrkin ritrattati Caruana qanqlu żewġ eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari kontra l-azzjoni tar-ritrattandi Casha. L-ewwel waħda hija dwar nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju, u l-oħra dwar in-nullita' tal-azzjoni nfisha. Fid-dawl tal-fatt li l-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-talba tar-ritrattandi biex tħassar is-sentenza u tordna s-smigħ tal-kawża mill-ġdid, ma jidhirx meħtieġ li toqgħod tgħarbel l-imsemmija eċċezzjonijiet. Biżżejjed jingħad li, dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, x'aktarx huwa minnu li f'din il-kawża tħalliet barra persuna – Carmela Caruana – li kienet parti fil-kawża oriġinali. Jirriżulta li l-imsemmija Carmela Caruana kienet għadha ħajja matul is-smigħ ta' din il-kawża[23]. Fil-fehma tal-Qorti, iżda, tali eċċezzjoni m'ghandhiex iżżommha milli tqis li l-interessi involuti fil-kwestjoni kienu debitament rappreżentati f'din il-kawża. F'dan ir-rigward, din il-Qorti ssemmi din is-silta minn sentenza[24] li ttrattat sewwasew eċċezzjoni bħal din, liema silta għandha titfa' dawl fuq is-soluzzjoni tal-kwestjoni: "*Li l-ġudizzju jkun integru, għalhekk, jinteressa prinċipalment lill-attur aktar mill-konvenut. ... Il-konvenut jidher ċar li jippretendi li din l-eċċezzjoni hija bażata fuq speċi ta' eżiġenza formali, preċiża, imprexxindibbli, u li tindika nuqqas insanabbli. Mentri l-kuntrarju huwa l-korrett*". Wieħed mir-rimedji li jista' jintuża f'każ bħal dan hu dak maħsub taħt l-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rimedju l-Qorti tista' tagħżel li tagħti minn rajha sa dak il-ħin li tkun sejra tingħata s-sentenza, kif kienet tagħmel din il-Qorti li kieku l-fehma tagħha dwar it-talbiet tar-ritrattandi Casha kienet se' tkun favorevoli għalihom;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari, ma tirriżultax lanqas xi nullita' tal-att taċ-Ċitazzjoni billi r-raġuni msemmija mill-imħarrkin ma tirriflettix dak li jirriżulta minn qari bil-għaqal tal-Att taċ-Ċitazzjoni u tad-Dikjarazzjoni mehmuża miegħu;

---

[23] Ara l-affidavit tagħha stess 11.12.2005, f'paġ. 40 tal-proċess

[24] App. Ċiv. **15.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra Dedomenico et vs Żahra Dedomenico*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.182**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi tiddikjara li ma nġabet l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet "*John Caruana et vs John Casha et*" (Ċitazz. Nru. 427/98DS);

**Tiċħad ukoll it-talbiet attriċi l-oħrajn** billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin ritrattati Caruana; u

**Tikkundanna** lill-atturi ritrattandi Casha jħallsu **l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------